# L-Istatwa ta' San Ġwann Battista 170 sena fostna

*Kitba ta' Dun Geoffrey G. Attard*

L-għożża ta' kull parroċċa fil-gżejjer tagħna ta' Malta u Għawdex hija ċertament ix-xbieha tal-qaddis patrun jew patruna li ta' kull sena tinħareġ proċessjonalment sabiex iddur mat-toroq tal-belt jew raħal fejn din tkun meqjuma. Għalkemm fil-gżira ta' Malta l-idea ta' statwa titulari kienet diġà bdiet fil-bidu tas-seklu tmintax, f'Għawdex kellha tkun is-sena 1839 li tiftaħ il-bieb għall-istatwi titulari. Il-parroċċa tax-Xewkija għandha l-unur li tgħid li mhux biss kienet l-ewwel waħda li kisbet l-istatus ta' parroċċa fil-gżira Għawdxija u għalhekk hija f'sens wiesa' t-tieni parroċċa ta' Għawdex imma kienet ukoll it-tieni waħda li kellu jkollha l-istatwa titulari tagħha.

**Il-parrokat ta' Dun Nikola Vella**



Dak li nafu dwar il-kappillan tal-istatwa titulari Dun Nikola Vella nafuh permezz tar-riċerka xjentifika tal-Agostinjan wild ix-Xewkija Patri Serafin Borg OSA. Dun Nikol Vella twieled l-Għarb f'Għawdex nhar is-17 ta' April 1765, iben Pawlu u Evanġelista mwielda Gauci[1]. Wara li ġie ordnat saċerdot fit-13 ta' Diċembru 1790 inħatar vigarju-kurat tal-parroċċa tax-Xewkija fit-12 ta' Ġunju 1803[2]. Dun Nikol Vella kien għamel isem għalih minħabba l-att erojku marbut mal-wasla tal-pesta f'Malta; dan għaliex hu kien wissa lill-gvern lokali sabiex jagħmel għassa ħarxa ma' Għawdex ħalli l-pesta ma tagħmilx straġi fil-gżira tat-tliet għoljiet. Għalkemm il-pesta kienet ikkontrollata xorta waħda kienu mietu 104 persuna.

Dun Nikol Vella ħa f'idejh it-tmexxija tal-parroċċa wara l-mewt tal-predeċessur tiegħu Dun Franġisk Mizzi fis-sena 1803. Hu dam kappillan sal-1850 jiġifieri dam b'kollox 47 sena. Patri Serafin Borg ma jsemmi xejn dwar il-wasla tal-istatwa ta' San Ġorġ Martri għall-parroċċa tar-Rabat fi triqitha lejn id-destinazzjoni tagħha. Tradizzjoni orali li baqgħet hi li din l-istatwa, xogħol Pietru Pawl Azzopardi twasslet Għawdex fl-1839. Kan Dun Nikol Vella Apap kiteb dwar dan u jgħid li l-istatwa twasslet fuq l-ispalla sar-Rabat akkumpanjata mis-snieter tal-kaċċaturi wara li kienet waslet permezz ta' karettun sal-knisja tal-Madonna tal-Ħniena fix-Xewkija.[3]

**Il-Knisja tal-Ħniena**

Il-Knisja ta' San Bartilmew Appostlu magħrufa wkoll bħala tal-Ħniena kellha tilgħab rwol importanti b'rabta mal-wasla tal-ewwel żewġ statwi titulari ta' Għawdex. Dan għaliex nhar it-22 ta' Ġunju 1845 il-poplu tax-Xewkija feraħ meta bit-tħabrik tal-Kappillan Dun Nikol Vella laqa' f'nofsu l-istatwa ta' San Ġwann maħruġa minn zokk ta' siġra mill-iskultur magħruf Pietru Pawl Azzopardi. It-traslazzjoni tal-istatwa saret mill-Knisja tal-Madonna tal-Ħniena għall-Knisja tax-Xewkija.[4] Borg jgħid li dakinhar kien preżenti wkoll il-Kappillan tal-Parroċċa ta' Sannat Dun Alessandru Cauchi. M'hijiex magħrufa r-raġuni għalfejn kien preżenti; wieħed jimmaġina li seta' kien mistieden speċjali minħabba l-qrubija fiżika taż-żewġ irħula.

L-istatwa nħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba jumejn wara l-wasla tagħha li allura ħabat il-jum tas-solennità[5] liturġika tat-Twelid tal-Għammiedi, l-24 ta' Ġunju 1845. San Ġwann jidher qed jiddirieġi lil min iħares lejh lejn Ġesù Kristu, il-Ħaruf t'Alla li tiegħu ġie jħejji t-triq u dan jagħmlu b'idu l-leminija. Wieħed jasal għal din il-



konklużjoni peress li l-kitba li tidher fuq is-speċi ta' żigarella mdendla mas-salib tgħid: 'Ecce Agnus Dei' – Dan hu l-Ħaruf ta' Alla.

**L-istatwa titulari**

Nistgħu ngħidu bla periklu li niżbaljaw li l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista hija fost l-aktar artistiċi mhux biss f' Għawdex imma fil-gżejjer Maltin kollha. L-iskultur Pietru Pawl Azzopardi huwa magħruf għall-ħlewwa artistika tal-istatwi li skolpixxa, ħafna minnhom fl-injam. F'Għawdex stess kien ħadem ukoll l-istatwi tal-Imperatriċi Santa Elena u San Makarju għall-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Konventwali tar-Rabat (Għawdex) u ħadem ukoll il-Kurċifiss devot għall-Parroċċa ta' San Ġorġ. Fil-ġabra ta' studji qosra dwar l-istatwi titulari ta' Malta u Għawdex, Joseph Grech qal dan il-kliem dwar San Ġwann tax-Xewkija:

> Il-vara ta' San Ġwann Battista nħadmet mill-iskultur Pietru Pawl Azzopardi (1791-1875) minn zokk ta' siġra taż-żebbuġ. Fit-22 ta' Ġunju 1845 inġabet f'purċissjoni mill-knisja tal-Ħniena għall-Knisja Parrokkjali. Bit-tħabrik ta' Salvatore Mercieca nħadmu l-pedestall u l-bradella minn Pawlu Bugeja fl-1889. Il-vara ġiet miżbugħa mill-pittur Ġ. Briffa fl-1943 u l-prokuratur ta' dak iż-żmien Dun Franġisk Debono ħallas l-ispiża ta' Lm 20. Fl-1949 iżżanżnu erba' važuni tal-fidda mastizz f'għamla ta' kannestrini għal madwar il-vara, xogħol tal-artist fiċ-ċiżell ta' Lawrenz Pace Ferand fuq id-disinn u t-tmexxija ta' Lawrenz Zammit Haber. L-ispejjeż ħallashom Wiġi Saliba wara tħabrik ta' Dun Karm Azzopardi. Id-djadema tad-deheb fuq ras il-vara tal-Qaddis ħadimha l-induratur Pirotta u żżanżnet fil-21 ta' Ġunju 1961. L-ispiża telgħet għas-somma ta' £180 u ġabarhom Pawlu Grech.[6]

**Ispirazzjoni artistika**

Naħseb li ma nkunux ġusti mal-istorja ta' din l-istatwa hekk artistika jekk ma nsemmux li Pietru Pawl Azzopardi kien ispirat minn biċċa xogħol artistika oħra fil-ħidma tiegħu fuq l-istatwa ta' San Ġwann li ħadem għall-parroċċa tax-Xewkija. Filfatt, Azzopardi kien ispirat mill-figura ta' Ġesù fix-xbieha ta' Ġesù u Marija li kien ħadem l-istatwarju Malti Sigismondo Dimech. Sabiex ma nnaqqas xejn mill-istoriċita' tal-ġrajja u fl-istess ħin ma ntellef xejn mill-oġġettivita' tagħha nixtieq li minflok nikteb jien, nikkwota dak li diġà nkiteb dwar dan is-suġġett:

> A curious anecdote states that when in 1845 the Maltese sculptor Pietro Paolo Azzopardi was working on the statue of



St John the Baptist for the parish of Xewkija, he sought permission to copy the facial features of Dimech's Jesus and in exchange donated to the church a set of wooden candlesticks. Whatever what one may make of this story, the similarity between the two statues is remarkable[7].



La solenne Translazione della Statua nuova di S. Giovanni Battista
Li 22 Giugno 1843 pagando dal popolo tutte le spese
Alla detta Translazione si diede principio alle ore due, e mezza p.m.
del dì suddetto, la quale con tutta la pompa si fece dalla Chiesa
di S. Bartolomeo Apostolo a questa S. Parrocchiale di S. Gio: Battista
già nobilissimamente ornata, con l'accompagnamento unitamente ai Parrochi
di questo Casale D. Nicola Vella con quello del Nadur D. Alessandro [illegible]
e D. Paolo Grech Vicario Curato di [illegible] Chiesa, non essendovi intervenuti
benchè invitati gli altri Parrochi coll'accompagnamento ancora di numeroso
Clero del Rabbato, e dei Casali, e Confraternitae di questa Parrocchia
Fra il divoto canto dei Sacerdoti, il suono festivo dei sagri Bronzi, Concerto
e suono della Banda, e sparo dei mortaretti.
Il passo grave, il portamento, tutto spirava pietà e religione.
Terminata la Processione, e incensata dal Celebrante nel mentre, che dal
Coro dei musici si cantava una Bell'Antifona, e dopo di questo, il med.o
Celebrante cantò l'orazione.
Ed in fine la Bened.ne col SS.mo Sagramento
finalmente la sera [illegible] suono della Banda e [illegible]
e poi seguita l'altra sua festa [illegible]

**Konklużjoni**

L-istatwa ta' San Ġwann Battista meqjuma fil-Knisja Arċipretali u Rotunda tax-Xewkija, l-ewwel parroċċa f'Għawdex imwaqqfa 'l barra mis-swar il-qodma tal-belt antika tar-Rabat bil-Kastell tagħha, u filfatt l-ewwel parroċċa mwaqqfa b'digriet formali, m'għandha bżonn ta' ebda apprezzament artistiku għax il-ġmiel artistiku tagħha jitkellem waħdu. Nistħajjel li wieħed jista' jgħid għaliha dak li Michelangelo Buonarroti stqarr kif lesta l-famuż Mosè li llum jinsab meqjum fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Ktajjen (*San Pietro in vincoli*) jiġifieri: 'Issa tkellem'.[8] L-istatwa ta' Ġwanni l-Għammiedi hija tassew kapulavur artistiku fih innifsu. Jalla kull min isib lilu nnifsu jħares lejn ix-xbieha tas-sema, ma jonqos qatt fih is-sens ta' stagħġib imqaddes li waħdu jista' jwassalna sabiex nikkontemplaw il-qdusija u l-qlubija ta' dan il-qaddis martri li sabiex jiddefendi l-qdusija tar-rabta taż-żwieġ u l-veritajiet tas-sema ma ħasibhiex darbtejn biex ixerred demmu kollu għal Kristu.

(Riferenzi)

1 Serafin Borg, *Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet Il-Kappillani U L-Arċiprieti Tagħha* (Progress Press; Malta, 1978),19.

2 Serafin Borg, *Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet Il-Kappillani U L-Arċiprieti Tagħha* (Progress Press; Malta, 1978), 19.

3 Awturi Diversi, 'San Ġorġ. L-Ewwel Statwa Titulari ta' Għawdex, editjat minn Francesco P. Attard, Pubblikazzjoni tal-Kumitat Storiku Kulturali Bażilika San Ġorġ, Malta 2014, 59.

4 Serafin Borg, *Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet Il-Kappillani U L-Arċiprieti Tagħha* (Progress Press; Malta, 1978), 23.

5 Joseph Bezzina, *Parish Titular Statues In Gozo* (=Gaulitana 5), Bugelli; Valletta, 1987), 33.

6 Joseph Grech, *Vari ta'Malta u Għawdex* (PEG; Malta, 1998), 94.

7 Pawlu Mizzi, *Malta Insight Heritage Guides. St George's Basilica and its Il-Haġar Museu, Victoria, Gozo* (Heritage Books with the collaboration of Fondazzjoni Belt Victoria), Malta 2014, 34.

8 Ara http://100swallows.wordpress.com/2010/02/05/michelangelo-smashed-his-pieta-to-pieces/ aċċessjat nhar it-Tlieta 3 ta' Frar 2015.

Charlie Vella
Fashion Designer of
All you need for your Wedding
or any special occasion,
You will find a wide selection of
Jewellery, Hats, Gloves,
Gowns and Accessories
Plus the service of Dying to
match the colour desired
and Flower arrangements


"Sunrise"
Madonna tal-Hniena Road,
Xewkija, Gozo
Tel: 2155 0197 Fax: 2155 1400
Mobile: 9948 5685

Frankie's
Sports Bar & Restaurant
Take Away Available
Staff Parties & Private Functions Catered
Mgarr Road,
Xewkija Gozo.
XWK 9014
Tel: 2155 9869
Mob: 9984 1707